**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**Is-Seba' Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 55

L-Erbgħa 21 ta' Ġunju, 2017

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**21 ta' Ġunju, 2017**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**55.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-54.

**55.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 53 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**55.3.01** Il-Kunsill għandu żewġ offerti pendenti li qegħdin fuq is-sistemma tal-EPPS kif ukoll fuq il-gazzetta tal-Gvern. Dawn huma għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika u l-ġbir ta' skart domestiku. Il-Kunsill irid jaħtar tlett evaluators kif ukoll opening staff, segretarju u chairperson ta' dan il-bord. Il-Kunsillieri qablu li bħala evaluators il-Kunsill għandu jinnomina tlett persuni professjonali li uża fil-passat. L-offerta tal-Latrina Pubblika ser tagħlaq nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2017. L-offerta tal-ġbir ta' skart għad trid tittella fuq is-sistema.

**55.3.02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni Valletta 2018. Huma stiednu artisti b' talenti varji biex jieħdu sehem f'proġett jismu Orfeo and Majnun. Ser ikun hemm laqgħa għal dawk interessati nhar is-Sibt 1 ta' Lulju fil-Gozo Visual and Performing Arts School, ix-Xewkija. Il-Kunsill irrakkomanda lil Nathan Cini għal dan il-għan.

**55.3.03** Il-Kunsill ser jieħu sehem fi skema ta' internship mal-kumpanija Stage Malta. Dawn ser jagħtuna ħaddiem għal xahar bla ħlas bejn l-24 ta' Gunju u 26 ta' Lulju. Dan ser jgħin lill-ħaddiema tal-Kunsill.

**55.3.04** Il-Kunsill irċieva email biex jiġġedded il-kuntratt taċ-Ċentru ta' matul il-Jum f'Għajnsielem. Il-Kunsillieri qablu li dan jiġġeded.

**55.3.05** Ċirkulari 15/2017 – L-Elezzjoni Ġenerali fit-3 ta' Gunju 2017 – Għeluq tal-Uffiċċji Amministrattivi nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju 2017.

**55.3.06** Ċirkulari 16/2017 – L-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja

**55.3.07** Il-Kunsill irċieva mingħand Godfrey Zahra tal-Malta Olympic Committee dwar il-Queens's Baton Relay li ser ikunu fostna bejn il-21 ta' Settembru u il-25 ta' Settembru. Il-Kunsill ser ikun qed jorganizza attivita' fit-23 ta' Settembru u għalhekk ser jistieden lil dan il-grupp.

**55.3.08** Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar fondi li jibqa' mis-sistema tal-Infurzar Lokali. Il-Kunsill ingħata €2,225.96 minn dawn il-fondi biex jintużaw għal proġetti , bħal tiswija ta' toroq, sinjali ta' traffiku jew kull ħaġa oħra li minnha jigwadanjaw ir-residenti.

## 55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**55.4.01** Il-Kunsillieri ġibdu l-attenzjoni li qed ikun hemm ħafna boroz ta' skart barra f'hinijiet mhux suppost minn ġol-farmhouses tal-Baron. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tibgħat ittra lil tal-Baron bil-ħinijiet u ġranet ta' meta għandhom joħorġu l-iskart.

## 55.5 Attivita' Kulturali f'Settembru: Traditions: Wine, Olive Oil & Honey.

**55.5.01** Il-Kunsill ingħata co-financing ta' €5000 taħt l-Iskema ta' "Cultural Events for Local Councils". Din l-attivita ser issir nhar is-Sibt 23 ta' Settembru skond l-applikazzjoni li ġiet approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**55.5.02** Is-Segretarju Eżekuttiv diġa għamlet kuntatt ma diversi stabbilimenti sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita. S'issa għandna konferma mingħand wieħed. Ser inkomplu nagħmlu kuntatti ma' aktar stabbilimenti dwar din l-attivita.

**55.5.03** Il-Kunsillieri qablu li għandu ikun hemm area għat-tfal f'din l-attivita. Ser ikun hemm ukoll mistiednin speċjali il-Queen's Baton, grupp ta' għana u grupp ta' folk. Ser nistiednu band popolari. Ġie suġġeriet li nistiednu ukoll xi gruppi ta' żfin tat-tfal. Is-Sindku qal li hu diġa kkonferma ma Audrey Mercieca sabiex itella' wirja ta' pittura jew fis-sala tal-parroċċa jew fil-berġa waqt din l-attivita'.

## 55.6 Siġra fil-Pjazza.

**55.6.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li hu iltaqa mal-perit tal-Kunsill, Mario Cordina dwar l-area ta' madwar is-siġra. Gie ssuġġerit li jitneħħa l-madun ta' madwar is-siġra u b'hekk is-siġra jkollha aktar arja kif ukoll tkun tista tiġi mogħtija l-ilma. Wara li jitneħħa l-madun irrid issir area fejn jistgħu jerġgħu jigu nstallati l-bankijiet. Taħt il-bankijiet irid ikun hemm jew pavimentar jew żrar. L-ewwel pass irid ikun li jitneħħew il-bankijiet u naraw il-kummenti tar-residenti. Il-kuntrattur għandu jagħtina stima tax-xogħol tat-tneħħija tal-madum u materjal.

## 55.7 Periklu fi Triq il-Knisja ħdejn il-Knisja tal-Patrocinju.

**55.7.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri dwar il-periklu li jaqa l-ħajt fi Triq Wied il-Għasri. Fil-fatt ġie nfurmat il-perit tal-Kunsill u dan ġie u eżamina l-ħajt u għamel rapport fejn ġie kkonfermat li il-ħajt qiegħed f'periklu li jaqa. Il-perit irrakkomanda li l-ħajt jerġa jinbenna sabiex jitneħħa kull periklu tal-ħajt kif ukoll tat-triq.

## 55.8 Ħatra ta’ Deputat Segretarju.

**55.8.01** Il-Kunsill irid jinnomina persuna bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex fil-każ li s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista’ jaqdi d-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu ikun hemm persuna li jkun jista jagħmel dan ix-xogħol u b’hekk il-Kunsill ikompli bil-ħidma tiegħu. Din il-persuna trid tkun fil-lista eżistenti tal-pool ta’ Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsillieri semmew diversi persuni li għandha tikkuntatja s-Segretarju Eżekuttiv sabiex fl-aħħar tintgħazel persuna.

## 55.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti.

**55.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti nru 7-055 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 55.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

**55.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 28 ta’ Lulju fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum lt-Tlieta 21 ta’ Gunju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |